MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2008

Numru. 608/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Ian Abdilla)**

**v**

**Johann Josef Montfort ta‘ 17-il sena**
**Iben Carmel u Anne nee Teuma, imwieled**
**Haz-Zabbar fit-12 ta‘ Jannar, 1988 u li**
**Joqghod f’Numru 29, Bellmont,**
**Triq F. Zahra, B’Kara,**
**detentur tal-karta tal-identita‘**
**bin-numru 579588 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Johann Josef Montfort li gie akkuzat talli

fit-13 ta‘ Lulju, 2005 u fil-granet u fix-xhur ta‘ qabel, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi uli gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(a) Iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati,liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta‘ flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati;
(b) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita‘ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew irceva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati,meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;
(c) U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ismijiet foloz, jew ta‘ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta‘ intraprizi folox, jew ta‘ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta‘ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bizgha dwar xi gajja kimerika, ghamel qligh ta‘ anqas minn Lm 100 ghad-dannu ta‘ Nica Service Station ta‘ Rahal Gdid, diversi pompi tal-petrol u sidien tal-petrol stations ohra;
(d) U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta‘ diesel u petrol minn diversi petrol stations, fosthom ta‘ Nica Service Station ta‘ Rahal Gdid u pompi tal-petrol ohra, ghad-dannu tas-sidien ta‘ l-istess pompi u persuni ohra, lieam serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;
(e) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement laqa‘ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat,jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom;
(f) U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi,kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu, jew f’idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
(g) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAM-704 minghajr licenzja tal-Awtorita‘ Dwar it-Trasport Pubbliku ta‘ Malta kif ukoll bla ma kien kopert b’polza ta‘ assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni;

(h) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, naqas milli jagharraf lill-Pulizija Esekuttiv, fi zmien tlett ijiem minn meta sab hwejjeg li jkunu naqsu lil xi persuna jew li din tkun tilfet, u cioe harpoon tal-bahar;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta‘ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Fuq ammissjoni ssibu hati ta’ l-akkuzi kif minnu ammessi u cioe b, c u d pero‘ mill-assjem tal-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta mill-htija ta’l-akkuzat oltre ghal dak minnu ammess, ghalhekk qed issibu hati tar-reati kkontemplati taht ir-reati misjuba fl-artikolu 18, 308, 309, 310, 263, 270, 334, 340 tla-Kapitlu 9 kif ukoll ta‘ l-artikolu 45 u 46 tal-Kapitlu 204. Din il-htija li l-Qorti jirrizultalha wkoll anke dan wara li rat l-istqarrija ta‘ l-akkuzat.

Rat ukoll il-pre sentencing report u rat ukoll b’mod partikolari l-fedina penali netta ta‘ l-akkuzat qieset ukoll l-eta‘ ta‘ l-akkuzat fi zmien li huwa kkommetta r-reat, ghalhekk huwa anke applikabbli l-artikolu 37 tal-Kapitlu 9. Rat ukoll l-artikoli 31, 30, 17, 20, 23 tal-Kapitlu 9. Taqbel ghall-finijiet ta‘ piena din il-Qorti b’mod partikolari minhabba l-eta‘ ta‘ Montfort fi zmien li gew kommessi r-reati ma‘ dak suggerit fil-pre sentencing report. Ghaldaqstant rat l-artikoli 7, 11, 18, tal-Kapitlu 446 u qeghda tapplika fil-konfront tieghu combination order kif gej. Qeghda tqeghdu taht ordni ta‘ probation ghal zmein tliet snin mil-llum. Qeghda ghal dan l-iskop tahtar lil Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri. B’dan illi Johan Josef Montfort ghandu jzomm kuntatt kif minnu mitluba mehtieg u ordnat mal-Ufficjal tal-Probation, kif minnha lilu indirizzat. Huwa ghandu jobdi kull direttiva lilu moghtija mill-Ufficjal tal-Probation b’mod partikolari izda mhux esklussiv fejn jirrigwarda stharrig mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Stharrig (ETC).

Qeghda wkoll tqeghdu taht ordni ta‘ servizz fil-Komunita‘ ghal zmien ta’ mitt siegha u dan anke wara li rat l-artikolu 11 (3) tal-Kapitlu 9.

Rat ukoll l-artikolu 24 tal-Kapitlu 446 ikkonsidrat li sal-llum l-akkuzat ghadu ma kkumpensax lill-propjetaarji ta‘ Nica Service Station il-flus lilu mehuda b’mod illegali. S’issa fil-fatt mill-atti processwali jirrizulta li Montfort hallas biss is-somma ta‘ ghoxrin lira Maltija u premessi ta‘ hlas ulterjuri qatt ma avvera ruhu. Ghalhekk skond il-kalkoli ta‘ din il-Qorti mill-provi prodotti, alemnu Johann Montfort baqghalu jaghti s-somma ta‘ hamsa u sittin liri Maltin (Lm 65) ekwivalenti ghal mija u wiehed u hamsin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€151.41) u dan wara li rat id-dokumenti Dok IJA01 (fol 27), Dok IJA03 (fol 28), Dok IJA 04 (fol 29), Dok IJA 06 (fol 31), Dok IJA 09 (fol 34), Dok IJA 10 (fol 35), Dok IJA 12 (fol 37).

Ghaldaqstant ai termini ta‘ l-artikolu 24 tal-Kapitlu 446 qeghda tordna lil Johann J. Montfort illi jikkompensa lil Antoine Cassar (Nica Service Station) is-somma ta‘ hamsa u sittin lira Maltin (LM 65) ekwivalenti ghal mija u wiehed u hamsin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€151.41) fi zmien xahar mil-llum.

Tippremetti oltre din il-Qorti illi in kwantu l-artikoli li ghazel li bihom jaddbita lil Johann J. Montfort qieghed ghalhekk jigi liberat mill-akkuzi l-ohra taht il-Kapitlu 66 u Kapitlu 9 fejn jirrigwarda pussess ta‘ arma u munizzjoni, Kapitlu 104 fejn jirrigwarda sewqan bla insurance u taht il-Kapitlu 65 in kwantu ghas-sewqan bla licenzja.

Tordna li l-flus foloz esebiti jghaddu f’idejn il-Bank Centrali ta’ Malta biex dan jiddisponi minnhom skond il-ligi. Tordna wkoll il-konfiska tal-harpoon in vista li certament Montfort ma ghandux licenzja ghall-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------